MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Referenza Kostituzzjonali Numru. 1/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Paul Bond)**

***kontra***

**Renald Barbara**

**Joanne Fenech**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Illi Renald Barbara u Joanne Fenech kienu ko-akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali. B`sentenza moghtija fil-31 ta` Jannar 2013, il-Qorti sabet lill-imputat Renald Barbara hati ta` whud mill-akkuzi dedotti kontra tieghu, u kkundannatu, oltre li tat provvedimenti ohra, filwaqt illi ma sabitux hati ta` akkuzi ohra u lliberatu minnhom. Ma sabitx lill-imputata l-ohra Joanne Fenech hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha u lliberatha minn kull imputazzjoni u piena.

Illi Renald Barbara pprezenta rikors tal-appell minn din is-sentenza fit-12 ta` Frar 2013.

Illi l-appell kien appuntat ghas-smigh quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta` Novembru 2013.

Illi fl-udjenza tal-5 ta` Dicembru 2013 quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, id-difensur tal-appellant talab referenza kostituzzjonali. Il-Qorti tat lill-appellant sal-11 ta` Jannar 2014 biex jifformalizza t-talba.

Illi fis-27 ta` Dicembru 2013, l-appellant ipprezenta rikors fejn, ghar-ragunijiet li fisser, talab lill-Qorti sabiex tirreferi l-lanzjanza tieghu lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha :-

*sabiex tiddeciedi jekk gewx lezi d-drittijiet tal-appellant ghal smiegh xieraq, kif sancit fl-artikolu 6(3)(c) konguntivament mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Europea meta dan ma kienx assistit minn avukat waqt li kien detenut mill-Pulizija Ezekuttiva u*

*rrilaxxa staqrrija, kif ukoll sabiex taghti dawk il-provvedimenti ohra li tais xierqa u opportuni.*

Illi l-Avukat Generali wiegeb bil-miktub ghal dan ir-rikors fit-3 ta` Jannar 2014 billi, ghar-ragunijiet illi ndika, talab lill-Qorti sabiex tichad it-talba tal-appellant stante li fil-fehma tal-imputat it-talba tal-appellant kienet manifestamnent frivola u vessatorja, ghaliex skond il-Kummissarju tal-Pulizija t-talba kienet frivola.

Illi fis-7 ta` Jannar 2014, il-Qorti tal-Appell Kriminali tat  provvediment fejn wara li ddikjarat li fil-fehma taghha t-talba ma kenitx wahda manifestament frivola u/jew vessatorja ghamlet din ir-referenza :-

*Jekk fic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz liema cirkostanzi jirrizultaw mill-fatti li johorgu fil-paragrafi precedente kif ukoll mill-process kollu, u mehud in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellant kellu 23 sena meta ghamel l-istqarrija, gewx lezi d-drittijiet tal-appellant ghal smigh xieraq skont l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Europea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u skont l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni meta r-rikorrent Renald Barbara ma kienx assistit minn avukat waqt li kien detenut mill-Pulizija Ezekuttiva u rrilaxxja stqarrija. U jekk id-decizjoni hija positiva, il-Qorti gentilment mitluba taghti dawk il-provvedimenti l-ohra li l-Qorti tqis xierqa u opportuni.*

Illi hekk kif ir-referenza kostituzzjonali kienet assenjat lil din il-Qorti kif presjeduta, il-Qorti, b`digriet taghha tad-9 ta` Jannar 2014, ordnat in-notifika tar-referenza kostituzzjonali lill-Avukat Generali, taghtu sebat ijiem zmien biex iwiegeb bil-miktub u appuntat il-procediment ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 6 ta` Frar 2014 fid-9.00 a.m.

Illi l-Avukat Generali wiegeb bil-miktub fit-23 ta` Jannar 2014.  U sostna li ma kien hemm l-ebda ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni ghar-ragunijiet li gejjin :-

*3. Illi fl-ewwel lok bhala principju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta` assistenza legali izda jezisti biss dritt fundamentali ta` smiegh xieraq meta bniedem ikun akkuzat b`reat kriminali.*

*4. Illi jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni, dan ma jwassalx awtomatikament ghal ksur tad-dritt ta` smiegh xieraq kif donnu qed jippretendi l-akkuzat Barbara. Kull kaz ghandu jigi ezaminat skont ic-cirkustanzi partikolari tieghu.*

*5. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost id-dritt ghal smiegh xieraq irid jigi evalwat fir-rigward tat-totalita` tal-proceduri in dezamina li saru sa issa u mhux fir-rigward ta` mument specifiku kif qed jipprova jaghmel l-akkuzat odjern.*

*6. Illi effettivament fil-kaz odjern jirrizulta li Renald Barbara bl-ebda mod ma kien imgieghel jaghti l-istqarrija li ta. Huwa nghata t-twissija skont il-ligi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq izda li dak li kien ser jghid seta` jingieb bhala prova.*

*7. Illi l-esponenti jirrilevaw illi fl-ebda waqt tal-proceduri kriminali in kwistjoni ma giet attakkata l-validita` jew il-volontarjeta` ta` l-istqarrija rilaxxjata minn Renald Barbara.*

*8. Illi inoltre, ghalkemm ghadha fi stadju ta` appell, mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta`1 Gudikatura Kriminali kontra Renald Barbara fil-31 ta` Jannar 2013 (Nru 333/2004) huwa rilevanti l-fatt li l-istess Qorti tal-Magistrati kienet diga` hadet in konsiderazzjoni l-valur probatorju ta` stqarrijiet mehuda qabel l-emendi tal-2010 fid-deliberazzjonijiet taghha tant li waslet ghas-sejbien ta`*

*htija fil-konfront ta` Barbara a bazi ta` diversi provi ohra apparti l-istqarrija rilaxxjata minnu.*

*9. Ill inoltre anke b`referenza ghall-gurisprudenza kwotata fid-digriet ta` referenza tas-7 ta` Jannar 2014, l-esponenti jirrilevaw li fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, l-akkuzat Renald Barbara certament ma kienx minuri meta wettaq ir-reati li gie akkuzat bihom bhal ma kienu fost ohrajn Du Esron Pullicino. Barra minn hekk l-akkuzat odjern ghandu fedina penali refrattarja ghall-ahhar, fattur li jikkontrasta ferm mar-rekord kriminali nett ta` Salduz u Pullicino.*

*10. Illi jirrizulta wkoll li l-akkuzat odjern ma jistax jitqies novizz ghat-tehid ta` l-istqarrija. Kif huwa rifless fil-fedina penali tieghu fl-atti tal-proceduri kriminali, is-sitwazzjoni tieghu m`ghandhiex tigi ekwiparata ma` dik ta` xi persuna vulnerabbli taht l-eta` li facilment seta` gie imwebbel sabiex jippregudika d-drittijiet fundamentali tieghu. Dan il-principju gie wkoll imsemmi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta` Ottubru 2012 fl-ismijiet 'Charles Steven Muscat vs Avukat Generali' fejn il-Qorti qalet li :-*

*'Fil-kaz tallum l-attur kien ragel matur li gia` kien qieghed jiskonta sentenza fil-facilita` korrettiva meta kien interrogat : l-istqarrija ghamilha fis-7 ta` Awissu 2002 u kien ilu l-habs mill-1994. Kellu esperjenza ta` interrogazzjoni mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ohra ta` vulnerabilita` hekk li facilment kien intimidit bl-ambjent fejn issir l-interrogazzjoni. Ghalhekk ma hemmx il-fattur li wassal ghal sejbien ta` ksur tal-jedd ghal smigh xieraq fil-kazijiet ta` Il-Pulizija v. Esron Pullicino, fejn il-persuna interrogata kienet ghadha minorenni, u ta` Il-Pulizija v. Alvin Privitera fejn il-pulizija interrogata kienet ilha biss erba` xhur li ghalqet it-tmintax-il sena'.*

Illi fl-udjenza tas-6 ta` Frar 2014, id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw ruhhom sodisfatti bl-inkartament tal-kawza sal-lum fis-sens li ghal dawk li huma provi kienu lesti joqghodu fuq l-atti. Il-Qorti akkordat it-talba tal-partijiet li jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Illi l-partijiet ipprezentaw in-noti ta` osservazzjonijiet taghhom.

Illi wara d-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-1 ta` Lulju 2014, il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Sottomissjonijiet</u>**

**1) <u>Ir-rikorrent</u>**

Ir-rikorrent jissottometti ill bis-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali taghha fil-31 ta' Jannar 2013, huwa kien ikkundannat ghal piena karcerarja ta` tmintax il-xahar effettivi. Skond ir-rikorrent, dik il-Qorti tat piz konsiderevoli lill-istqarrija li kien irrilaxxja lill-Pulizija Ezekuttiva fit-13 ta` April 2004. Ighid li meta rrilaxxja l-istqarrija, ma kienx inghata d-dritt li jikkonsulta ruhu mal-avukat ta` fiducja tieghu.

Skond r-rikorrent, fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Ewwel Istanza qalet car illi l-istqarrija ghandha valur probatorju ghaliex skond il-Qorti *"varji kienu s-sentenzi Kostituzzjonali li ddeterminaw l-valur probatorju ta' stqarrijiet rilaxxati qabel l-emendi tas-sena 2010. Certament dawn l-istqarrijiet ittiehdu skont Ligi vigenti f'dak iz-zmien."* Skond ir-rikorrent l-unika prova diretta li setghet twassal ghas-sejbien tal htija tieghu kienet <u>unikament</u> l-istqarrija.

Ighid ir-rikorrent li diversi huma s-sentenzi li jissalvagwardaw il-principju li hadd ma ghandu jinkrimina ruhu, u l-principju tal-bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. Jirreferi ghal "**<u>Plonka vs Poland"</u>** deciza mill-ECHR fil-31 ta' Marzu 2009 ; "**<u>Salduz vs Turkey"</u>** deciza mill-ECHR fis-27 ta' Settembru 2008 ; "**<u>Il-Pulizija vs Mark Lombardi"</u>** deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Ottobru 2009 ; "**<u>Il-</u>**

**Pulizija vs Esron Pullicino"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April 2011 ; "**Dayanan vs Turkey"** deciza mill-ECHR fit-13 ta' Ottobru 2009 ; "**Yuriy Volkiv vs Ukraine"** deciza mill-ECHR fid-19 ta' Dicembru 2013 u "**Bandaletov vs Ukraine"** deciza mill-ECHR fil-31 ta' Ottobru 2013.

Billi l-istqarrija kienet l-unika prova diretta kontra tieghu, u r-raguni principali ghas-sejbien tal-htija tieghu, il-fatt li ma kienx inghata d-dritt ta' assistenza legali jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt tieghu ta' smiegh xieraq.

**2) L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija**

Fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti sabet lill-ko-akkuzata tar-rikorrent mhux hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha u lliberatha minnhom ghaliex sabet li l-unika prova kontra taghha kienet l-istqarrija. Il-Qorti ma kenitx tal-istess fehma fejn jirrigwarda ir-rikorrent ghax sabet li kontra tieghu rrizultaw provi ohra, apparti l-istqarrija.

Isostnu li l-harsien tad-dritt ta' smiegh xieraq ghandu jitqies fil-kuntest tat-totalita` tal-proceduri li ttiehdu kontra r-rikorrent u mhux biss fir-rigward ta' mument wiehed u izolat. Hekk irrilevat l-ECHR fid-decizjoni taghha tal-25 ta` April 2006 fil-kawza "**Ahmet Mete vs Turkey**". Inoltre jridu jitqiesu c-cirkostanzi prevalenti fil-mument meta ttiehdet l-istqarrija sabiex jigi accertat jekk il-mankanza ta' konsultazzjoni ma` avukat ta` fiducja setghetx twassal ghal lezjoni tad-dritt. Mill-provi ma rrizultax li r-rikorrent ilmenta minn kundizzjonijiet avversi bhal pressjoni diretta jew indiretta meta gie biex jaghti l-istqarrija.

Jissottomettu li minhabba l-fatt li fil-mument meta ttiehdet l-istqarrija ma kienx hemm legislazzjoni fis-sehh li tipprovdi ghal assistenza ta' avukat, huwa fatt li bhala principju ma jezistix id-dritt fundamentali ta' assistenza legali izda jezisti biss d-dritt fundamentali ta' smiegh xieraq. Ghalkemm l-istqarrija saret fit-13 ta' April 2004, kien biss fl-istadju tal-appell li r-rikorrent talab ir-referenza kostituzzjonali.

Jirribadixxu li fil-kawza ta` **<u>Salduz</u>**, kien affermat il-principju li l-kwistjoni tal-assistenza legali qabel ir-rilaxx ta` stqarrija m`ghandhiex tinghata tifsira retroattiva izda ghandha tapplika biss ghal dawk l-istqarrijiet li ttiehdu <u>wara</u> s-sentenza ta' **<u>Salduz</u>**, jigifieri wara s-27 ta` Novembru 2008, u d-dhul fis-sehh ta' l-Avviz Legali 35 tal-2010.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Il-provi fil-qosor</u>**

Renald Barbara u Joanne Fenech kienu akkuzati fis-26 ta' April 2004 talli fit-12 ta' April 2004 ikkommettew serq, fost reati ohra. Renald Barbara kien recidiv wara s-sejbien ta` htija kriminali tieghu fi procedimenti ohra li kienu decizi fit-12 ta' Novembru 2003, fit-22 ta' Jannar 2001, fid-9 ta' Awissu 2000 u fil-15 ta' April 1998.

L-Ispettur Paul Bond xehed illi meta l-Pulizija marret tigbor lil Renald Barbara mid-dar tieghu sabet van ipparkjat fil-qrib li kien ghadu mghobbi bir-refurtiva. Ir-rapprezentant tad-Direttur tat-Traffiku xehed illi l-van fejn kienu l-affarijiet kien registrat f`isem Barbara.

Fl-istqarrija taghha, Joanne Fenech tammetti li dahlet fil-post derubat ma` Renald Barbara li kien l-gharus taghha, Minn hemm hadu ghadd ta` oggetti u qeghduhom fil-van ta` Barbara. r-rikorrent. Skond Fenech, li ghamlu ma kienx serq ghaliex fejn fil-post fejn dahlu kien miftuh u ma kkommettew l-ebda sgass.

Fl-istqarrija tieghu, Barbara jghid hekk *inter alia* :-

*"Jiena kont qieghed nithaddet ma persuna u qalli li hemm hekk il-Mare D'Oro kien falla u s-sid harab. Dan qalli wkoll sabiex immur u nara jekk kienx hemm xi haga tghodd ghalija ghax kienu sejrin iwaqqghuh u jarmu kollox. Jiena hekk ghamilt. Mort nara jekk kienx hemm xi haga tajba. Ahna dhalna biss ghax rajna l-post abbandunat u mkisser kullimkien. Nixtieq nghid li ahna dhalna mill-bieb tal-garaxx li kien miftuh u mhux mit-tieqa."*

Skond Barbara, kull ma kien hemm fil-post kien ghar-rimi u ghalhekk li ha minn hemm ma kienx serq.

Fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti qalet illi *mill-provi prodotti u kkonstati dwar il-vettura CAI 602 u dak mistqarr mill-imputat, issib htija fil-konfront ta' Renald Barbara.*

L-Ewwel Qorti qieset ukoll il-provi tar-recidiva ta` Barbara.

L-Ewwel Qorti lliberat lil Joanne Fenech minn kull imputazzjoni u piena "*stante li ma kien hemm ebda prova ohra ghajr dak li hi qalet fl-istqarrija taghha, prova ghalhekk isolata ghaliha wahidha"*.

Barbara appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Fir-rikors tal-appell ma jsemmi xejn dwar l-allegata illegittimita` tal-istqarrija tieghu.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Risultanzi</u>**

Renald Barbara jilmenta minn vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq kif imhares bl-Art 39 tal-Kostituzzjoni u bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.

Barbara jilmenta illi meta rrilaxxja l-istqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva ma kienx assistit mill-avukat ta` fiducja tieghu. Ghax hekk gara sehh ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq. Dan huwa <u>l-uniku</u> lment li ghamel biex isostni t-tesi tieghu. Tal-lum mhuwiex kaz fejn kien allegat jew ippruvat li l-istqarrija ttiehdet taht pressjoni, kostrizzjoni jew kontra r-rieda ta` Barbara.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta` Ottubru 2014 fil-kawza "**<u>George Pace vs Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija</u>**". Il-Qorti sejra ticcita *in extenso* minn dan il-provvediment ghaliex fil-fehma taghha jghodd tajjeb ghall-kaz tal-lum fil-kuntest tal-fatti u tal-argumenti li ghamlu l-partijiet.

Il-Qorti qalet hekk :-

*"Din il-qorti tibda biex tgħid illi qiegħed igħid sew l-Avukat Ġenerali illi d-dritt li tagħti l-liġi huwa dak għal smigħ xieraq u mhux għall-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni. Iċ-ċaħda ta' dik l-għajnuna tista' twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq mhux ipso facto iżda jekk, minħabba f'dak in-nuqqas, l-attur ikun ġarrab preġudizzju inġust fid-drittijiet proċedurali tiegħu. Iżda l-effett ta' dak in-nuqqas għandu dejjem jitqies mhux bħala episodju iżolat li, għalhekk biss u irrispettivament miċ-ċirkostanzi kollha, jikkostitwixxi ksur, iżda fil-kuntest tal-proċess sħiħ, kif ġustament osservat l-istess Qorti Ewropea tad- Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' fil-każ ta'* ***Imbrioscia v. L-Isvizzera*** *:*

*"Other requirements of Article 6 – especially of paragraph 311 may also be relevant before a case is sent for trial if and in so far as the fairness of the trial is likely to*

*be seriously prejudiced by an initial failure to comply with them."*

*Ukoll fil-każ ta'* ***Ahmet Mete v. it-Turkija*** *il-Qorti Ewropeja ma sabitx ksur, għalkemm f'dan il-każ ukoll ir-rikorrent għamel stqarrija mingħajr ma kellu għajnuna ta' avukat. Il-qorti qalet hekk :*

*"26 .... [E]ven assuming that the authorities refused to assign him a lawyer, despite his explicit request, the Court is of the opinion that the lack of legal assistance at the early stage of the proceedings did not deprive the applicant of a fair hearing. In reaching this conclusion, the Court has taken into account the entirety of the proceedings, in particular the fact that the applicant had a lawyer throughout the proceedings before the Izmir State Security Court and the Court of Cassation. Moreover, the Court notes that the Izmir State Security Court based its final decision, not only on his statements given in police custody but also on his statements given during the hearings, his confessions made before the public prosecutor and the statements of the other accused. …*

*"27. The applicant's lack of access to legal assistance during the preliminary investigation cannot, therefore, be considered to have deprived him of a fair trial within the meaning of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.*

*"28. The Court concludes that this complaint is manifestly ill-founded within the meaning of Article 35 § 3 of the Convention and must, therefore, be declared inadmissible."*

*Tassew illi jidher illi f'sentenzi aktar riċenti l-Qorti Ewropeja x'aktarx bidlet l-atteġġjament, u tidher li trid tagħti x'tifhem illi l-għajnuna ta' avukat f'kull waqt tal-proċess penali, sa mill-ewwel interrogazzjoni, hija fattur sine qua non għal smigħ xieraq. Hekk, fil-każ ta'* ***Salduz v. it-Turkija*** *osservat illi :*

*"5. … the Court finds that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a*

*conviction."*

*Għandu jingħad iżda illi, kif osservat l-istess qorti ewropea fil-każ ta'* ***Brincat u oħrajn v. Malta****, ma għandux jingħata "a very broad reading of the Court's case-law", fis-sens illi kull sentenza għandha tinqara fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, u mhux neċessarjament toħloq preċedenti u regoli ta' applikazzjoni universali, li, wara kollox, hija setgħa mħollija f'idejn l-organu leġislativ u mhux f'idejn dak ġudizzjarju.*

*Iċ-ċirkostanzi tal-każ ta' Salduz, kif ġà kellha okkażjoni tosserva din il-qorti, kienu estremi u eċċezzjonali. L-akkużi miġjuba kontrieh mill-Istat Tork kienu x'aktarx ta' natura politika – kien mixli, u eventwalment instab ħati, talli ħa sehem f'attività ta' partit politiku u waħħal strixxun (banner) bil-kliem "Long live the leader Apo" – u kellu biss sbatax-il sena meta ġie interrogat u ammetta dan kollu mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat. Meta, iżda, jumejn wara, reġa' ġie interrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt theddid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija. Ma kien hemm xejn minn dawn iċ-ċirkostanzi estremi u eċċezzjonali fil-każ tal-attur tallum.*

*Fil-każ ta'* ***Dayanan****, iżda, il-qorti fi Strasburgo ħadet posizzjoni aktar radikali u qalet hekk :*

*"30. In relation to the absence of legal assistance in police custody, theCourt reiterates that the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, is one of the fundamental features of a fair trial … … …*

*31. The Court considers that the fairness of criminal proceedings againsaccused persons requires as a general rule, for the purposes of Article 6 of the Convention, that they be able to obtain legal assistance as soon as he they are placed in custody or pre-trial detention.*

*32. In accordance with the generally recognised international norms, which thCourt accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned … Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the*

*defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.*

*33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legalassistance while in police custody because it was not possible under the law then in force … A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody.*

*34. Accordingly, the Court finds that there has been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1."*

*Madankollu, għalkemm din id-deċiżjoni tidher x'aktarx kategorika ma jidhirx li hija interpretazzjoni għal kollox korretta tal-artikolu 6. Fil-fatt, fil-każ ta'* ***Demirkaya****, li nqata' dakinhar stess tal-każ ta'* ***Dayanan*** *mill-istess taqsima tal-qorti, ġie riaffermat il-prinċipju illi :*

*"13. The Court recalls that, in assessing whether or not a trial was fair, regard should be had to the entirety of the proceedings … … …"*

*Kompliet tgħid hekk:*

*"15. The Court observes that the applicant's right of access to a lawyer was restricted during his police custody pursuant to Section 31 of Law no. 3842, as he was accused of committing an offence falling within the jurisdiction of the State Security Courts. As a result, he did not have access to a lawyer during his interrogation by the police and the public prosecutor. Moreover, the Court observes that during his police interrogation, the applicant accepted the charges against him and this statement was subsequently used for his conviction by the trial court. The Court takes note of the fact that the applicant had legal representation during his questioning by the investigating judge. However, in the present case, the applicant was undoubtedly affected by the absence of a lawyer when his statement had been taken by the police as, although the applicant repeatedly denied his police statement, the State Security Court used this statement as the main evidence. The Court further finds it significant that the police statement of N.S., although retracted subsequently during the trial, was also used to confirm the applicant's police statement.*

*"16. In view of the foregoing, the Court considers that neither the assistance provided by a lawyer during the interrogation by the investigating judge, nor the adversarial nature of the subsequent criminal proceedings could cure the defects which occurred during the applicant's questioning by the police."*

*Relevanti illi l-akkuża kontra Demirkaya, bħal kontra Salduz, kienet ta' natura x'aktarx politika, għax ġie mixli illi kien imsieħeb ma' organizzazzjoni politika – PKK, il-partit tal-Ħaddiema tal-Kurdistan – illeċita taħt il-liġi torka, illi waqt il-proċeduri kriminali ċaħad dak li kien stqarr quddiem il-pulizija, u illi dik l-istqarrija, u stqarrija oħra ta' xhud meħuda fl-istess ċirkostanzi u li wkoll sussegwentement ġiet miċħuda minn min għamilha, kienu x-xiehda ewlenija – "the main evidence" – kontrieh.*

*Fil-każ ta'* ***Pishchalnikov*** *ukoll il-Qorti Ewropea osservat illi :*

*"64. The Court further reiterates that the compliance with the requirements of fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of the isolated consideration of one particular aspect or one particular incident."*

*Dan juri illi diffiċilment tirrikonċilja l-posizzjoni li qiegħed jieħu l-attur illum ma' dik aktar serena u raġunata fil-każijiet ta' Imbrioscia u Ahmet Mete. Diffiċli wkoll tirrikonċiljaha mal-posizzjoni li dejjem ħadet il-Qorti Ewropea, u li, kif rajna, ġiet ri-affermata anki riċentement, illi, biex tqis jekk kienx hemm smigħ xieraq, trid tqis il-proċedura fl-intier tagħha u mhux fid-dawl ta' episodji isolati li ma jkollhomx effett hekk drastiku fuq il-proċediment illi jikkontaminawh irrimedjabilment. Diffiċli wkoll tirrikonċiljaha mal-fatt illi d-dritt li tagħti l- Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq, u mhux dak li kull nuqqas proċedurali jagħti lill-akkużat, ħati jew mhux, dritt awtomatiku li jiġi liberat. Id-drittijiet imħarsa huma drittijiet "fondamentali" mhux formali jew mekkaniċi; iħarsu interessi fondamentali ta' ġustizzja mhux l-interess ta' kull akkużat li b'xi mod jew ieħor jiġi liberat, ukoll meta aliunde hemm xiehda bizzżejjed kontrieh. Mhux ta' min ninsew illi mhux l-akkużati għandhom id-drittijiet fundamentali tagħhom, filwaqt li jixraq li jingħaraf ukoll id-dritt daqstant ieħor fondamentali ta' kull persuna u kull vittma potenzjali tal-kriminalità li titħares mill-ħsara li ġġib magħha d-delinkwenza.*

*Din il-qorti għal darba oħra ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li xiehda kontrieh tiġi skartata, jew li, minħabba xi*

*irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu meta l-atti tal-proċeduri jagħtu bizzżejjed affidament sabiex il-ġudikant jista' serenement jasal għall-ħtija; ma jingħatax biex tingħata l-libertà lill-ħatja. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, ikun oltraġġ għall-kunċett innifsu tad-drittijiet fondamentali.*

*Din il-qorti għalhekk terġa' ttenni li dak li għandha tagħmel ma' la li tara jekk l-attur huwiex ħati jew le tal-akkużi li nġiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għall ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Ghal din il-Qorti, dan il-bran mid-decizjoni fuq riferita huwa car u jghodd kollu kemm hu ghall-kawza tal-lum.

Ghal din il-Qorti huwa rilevanti l-fatt illi qabel deher quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrent qatt ma talab sabiex jiehu lura l-istqarrija jew cahad il-kontenut taghha.

Irrizulta inoltre li kuntrarjament ghal dak li sottometta r-rikorrent fil-procediment tal-lum, l-istqarrija tieghu **ma kienitx** l-unika prova li wasslet ghal kundanna tieghu.

Anke din il-Qorti tirriafferma l-principju li d-dritt fundamentali mhares bil-ligi huwa dak ta` s-smigh xieraq u mhux tal-ghajnuna ta' avukat waqt interrogazzjoni. Ma jgibx awtomatikament vjolazzjoni tad-dritt ghas-smigh xieraq il-fatt li fil-kaz tal-lum ir-

rikorrent ma nghatax il-fakolta` li jsejjah avukat biex jaghtih assistenza waqt li qed jigi nterrogat mill-Pulizija, ghaliex fiz-zmien tal-kaz, ma kienx ghadu dahal fis-sehh dak id-dritt kif inhi l-ligi llum fl-ordinament penali taghna.

Wara li gharblet **it-totalita`** ta` l-procediment li fih kien involut ir-rikorrent sal-istadju tal-ewwel dehra tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali skond l-atti li ngabu ghall-konjizzjoni taghha, din il-Qorti **ma ssibx** li kien vjolat id-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq, anke jekk meta rrilaxxja l-istqarrija lill-Pulizija Ezekuttiva r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat, ladarba rrizulta li l-Pulizija taghtu t-twissija skond il-ligi, u minkejja dik it-twissija xorta wahda rrilaxxja l-istqarrija (ara d-deposizzjoni tal-Ispettur Paul Bond a fol 20 et seq u l-istqarrija ffirmata ta` Renald Barbara a fol 37 et seq). L-eta` tar-rikorrent ma kenitx tesigi kawtela akbar minn dik prestata mill-Pulizija tenut kont tal-fatt li fid-data tar-rilaxx tal-istqarrija r-rikorrent ma kienx xi principjant u kien ben koxjenti ta` x`jinvolvi l-ksur tal-ligi (ara l-fedina penali tar-rikorrent minn fol 29 sa fol 35). Inoltre mill-waqt tal-presentata tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja `l quddiem, ir-rikorrent kien assistit minn avukat. U r-rikorrent ma ressaq l-ebda lment iehor dwar ksur tal-jedd ghal smigh xieraq ghajr ghall-kwistjoni tal-istqarrija. Il-Qorti hija sodisfatta li l-Ewwel Qorti sabet il-htija tar-rikorrent mhux fuq l-istqarrija wahedha izda fuq l-assjem tal-provi.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li taghmel riferenza ghall-fatti lamentati minn Renald Barbara fit-talba ghal referenza kostituzzjonali waqt il-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Paul Bond) vs Renald Barbara et* li hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, senjatament illi ma kienx assistit minn avukat waqt li kien detenut mill-Pulizija Ezekuttiva u rrilaxxja stqarrija, liema lment wassal lil dik il-Qorti sabiex fis-7 ta' Jannar 2014 taghmel l-ordni ta` referenza, qeghda tiddikjara illi fil-konfront tal-istess Renald Barbara ma ssib li kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Art 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Art 6(1) u tal-Art 6(3)(c) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Ghalhekk qeghda tibghat dan il-provvediment flimkien mal-atti lura lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tkompli tisma` u tiddeciedi skond il-ligi l-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Paul Bond) vs Renald Barbara et.* Tordna li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment jithallsu minn Renald**

**Barbara.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------